SANNAT

Minuti tas-sitt laqæa tas-sebgħa leíislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-ufficðju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2009 fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preúenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| | Guda Taddeus Bajada<br>Manuel Tabone<br>Joseph Bajada |
| Skużat<br>Il-Viði-Sindku | Anthony Merċieċa |
| L-Uffiðjali:<br>Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqæa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

153 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru erba' li saret fil-5 ta' Awwissu 2009.

**Item 2. Mill-Minuti**

154 *(para. 66)* Dwar il-laqgħa mal-Kunsill Lokali Xewkija kienet intbagħtitilhom email. Huma għandhom jiġu mitluba biex il-laqgħa ssir f'ġurnata wara l-5.00 ta' filgħaxija.

155 *(para. 67)* Il-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said saret nhar il-Ħamis, 24 ta' Settembru fil-10.00 a.m. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi diversi materji fosthom il-ħaddiem assenjat mal-Kunsill li rtira bil-pensjoni u ma ġiex *replaced* u dwar il-ġbir ta' l-iskart u l-iskemi ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali.

156 *(para. 70)* Il-ħaddiema tal-IPSL li kienu qed jibnu l-ħajt li hemm imwaqqa fi Triq Mġarr ix-Xini ttieħdu fil-pool ta' ħaddiema li ser ikunu jagħmlu xogħlijiet differenti mal-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex.

157 *(para. 72)* Dwar il-Memo 46/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ftuħ tal-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt, il-Kunsill irid jinforma lid-Dipartiment sa għada sabiex jinġieb il-permess tal-ETC. Il-Kunsill qabel li jiġi mpjegat skrivan part time fi skala

SANNAT

15. Dan għandu jaħdem għoxrin siegħa fil-ġimgħa. Għandu jiġi stabilit kif ser jitħaddem dan l-impjegat.

158 *(para 73)* Dwar il-"Kampanja ta' Tindif għal Kunsilli Lokali" tkompla t-tindif tat-Toroq Mhux Urbani. Qed isiru l-ispezzjonijiet dwar ix-xogħol li qed isir mid-Dipartiment. Inġabru żewġ scammels skart mit-Triq tal-Lewż u Triq Mġarr ix-Xini. Għad hemm ħafna trab u dan għandu jinġabar permezz ta' bob-cat. Il-terrapien li kien ġie akkumulat dan l-aħħar fi Triq Xamgħan tneħħa permezz ta' skip. Sar qbil li f'dik ir-roqgħa ħamrija jitħawlu xi xtieli tas-sardinell. Intbagħtu l-leaflets ġo djar kemm bil-Malti kif ukoll bl-ingliż dwar it-tneħħija tal-open skips. Intbagħat ukoll leaflet li nħareġ mill-Waste Serve Ltd. dwar is-*Civic Eminity Site* li hemm tal-Kus fix-Xewkija. Inġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-irziezett madwar ir-raħal. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' magħhom u ma' tas-Sanita'. Wara jsiru *spot checks* lil kulħadd.

159 *(para. 77)* Dwar il-korsijiet fil-letteriżmu bażiku kien hemm sebgħa li applikaw għal kors tal-Ingliż u applikazzjoni waħda għal korsijiet l-oħra. Dawn aktarx li jintbagħtu l-iskola tar-Rabat għaliex ma kienx hemm konkorenza biżżejjed.

160 *(para. 117*) Rigward il-Memo 48/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal Fondi Speċjali dwar proġetti jew inizjattivi li twassal fid-direzzjoni ta' lokalitajiet sostenibbli, il-Kunsill applika għal bini ta' latrina pubblika fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini fil-parti ta' fuq tal-bajja fejn iservi ta' parking. Il-bibien għandhom ikunu taħt it-triq għar-raġuni li b'hekk ma tiġix affetwata l-estetika tal-bajja kif ukoll jinżamm l-istess parking fit-triq. L-istima tal-perit għal proġett hi ta' €54,506. Għanda ssir l-applikazzjoni għall-permess għand il-MEPA mill-perit.

161 *(para. 120)* Saret laqgħa mar-residenti ta' Triq it-28 ta' April 1688 dwar it-tabella biex waqt l-għeluq ta din it-triq, x'ħin ikunu deħlin jew ħerġin it-tfal ta' l-iskola, jiżdied il-kliem "Except for residents of Triq it-28 ta' April 1688. Dawn ir-residenti insistew li jridu jidħlu u joħorġu. Huma qalu li jafu illi l-permess inħareġ għad-dħul u ħruġ. Rose Sciberras ġiet il-Kunsill u tablet kopja tal-ittra tal-ADT. Il-Kunsillier Taddeo Bajada ma qabilx li dawn jidħlu u joħorġu, imma li dawn ir-residenti joħorġu biss min-naħa ta' Triq il-Blat għar-raġuni li ser jinħoloq periklu li iweġġa xi tifel. Il-Kunsill qabel tlieta kontra wieħed lid-dħul u ħruġ għandu jsir min-naħa ta' Triq il-Blat.

162 *(para. 124)* Il-*Public Affairs Officer* il-ġdid tal-Ambaxxata ta' Stati Uniti u uffiċjali oħra ġew l-iskola ta' Sannat nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu 2009. Dawn għamlu *lecture* lit-tfal tal-Iskola Sajf. Wara żaru l-uffiċċju tal-Kunsill.

163 *(para. 126)* Mrs. Ruddick, Dar Bużbieża, Triq it-Daħal taċ-Ċnus aċċettat li l-bozza li kien hemm mar-Restaurant Palazzo Margherita teħel mad-dar tagħha. Dan għamlitu bil-miktub. Il-kuntrattur għandu jiġi ordnat biex jagħmel il-bozza l-ġdida.

164 *(para.127)* Il-fornitur tal-madum tal-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill kien bagħat tliet kaxxi madum differenti minn dak ta' qabel. Dan ġie ippruvat fis-sular ta' fuq u ma kienx hemm difetti jew problemi. Il-perit kitiblu u qalu biex jibdel il-kunsinja. X'ħin kellemtu s-Segretarju u qallu li dan il-madum huwa tajjeb u jista' jġib l-kunsinna kollha flok l-oħra. Il-fornitur qallu "nitkelmu

mod ieħor". Il-perit kitiblu u qallu li jekk ma jipprovdix il-madum sal-1 ta' Ottubru, il-Kunsill ser jordna l-madum mingħand furnitur ieħor u jibdew proċeduri legali kontra l-kuntrattur.

165 *(para. 130)* Dwar l-Energy Saving Scheme id-Dipartiment żied il-persentaġġ tal-flus li ser jagħti lill-Kunsilli Lokali. Ġie ffirmat ukoll il-kuntratt bejn il-consortium tal-Kunsilli Lokali involuti.

166 *(para.132)* L-attivita' tat-Tberik tal-Annimali fil-Pjazza Cocco Palmeri ser issir fis-27 ta' Settembru 2009. Din għandha tibda fit-8.15 a.m. bi sfilata minn Triq Sannat għal pjazza ta' Triq l-Isqof D. Cocco Palmeri. Ġew ordnati l-gwardjani lokali. Is-Sindku għandu jikkuntattja mas-Sur Paul Vella s-Segretarju tas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita biex jiġu ftit bandisti u jakkumpanjaw bid-daqq fl-isfilata.

167 *(para.133)* Dwar il-*Fire Works & Beer Festival* li ser issir taħt l-Attivita' Skema ta' Attivitajiet 2010 saret l-applikazzjoni. Din ser tkun jisimha Notte Scarlata u ser isir fil-5 u s-6 ta' Ġunju 2010. Din ser tikkonsisti f'Re-enactment tal-istorja tal-assedju tat-Torok fil-1551 u ser ikun hemm ikel tradizzjonali, birra u ammont ta' ġiġġifoku. Waqt din l-attivita' għandu jsir kollegament ma' Pisoniano, il-Ġermanja u l-Awstralja.

168 *(para.140)* Il-festin u quddiesa ad unur Lawrence Buttigieg li ser jagħlaq mitt sena, ser isir nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2009. Il-quddiesa għandha tibda fit-3.00 p.m fil-kappella tal-isptar ta' l-Ibraġ. Il-Prim Ministru, il-Ministru għal Għawdex u s-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani għandhom jiġu mistiedna għal quddiesa u l-festin. Dawn għandhom jagħtu l-awgurju u jagħmlu diskors qasir tal-okkażżjoni. Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni u l-Membri Parlamentari Għawdxin l-oħra għandhom jiġu mistiedna biex ikunu preżenti. Il-Kunsill għandu jippreżenta rikordju ta' tifkira lil Lawrence Buttiġieġ.

169 *(para.148)* Dwar l-attivita' li kellha ssir fit-3 ta' Ottubru 2009 fil-Pjazza tax-Xelina ġiet posposta għal 24 ta' Ottubru 2009. Ser jiġu mistiedna tal-Waste Serve Ltd. biex jagħmlu taħdita dwar is-separazzjoni tal-iskart flimkien ma' attivitajiet oħra. Dak inhar ser isir ġbir ta' skart madwar ir-raħal li jkun separat biex ikun jista' jiġi riċiklat. Il-parteċipanti għandhom jingħataw par ingwanti u borża griżi tal-iskart. Din l-attivita' tibda fid-9.00 a.m. fil-Pjazza tax-Xelina u għandhom jiġu mistiedna l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex u l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għal Djalogu Pubbliku u Informazzjoni biex jagħmel diskors tal-okkażjoni flimkien mas-Sindku. Għandha tintbagħat ittra lir-residenti dwar din l-attivita' fejn jiġu mħeġġa sabiex jipparteċipaw f'din l-attivita'. L-għaqdiet tar-raħal għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw ukoll f'din l-attivita'.

170 *(para.149)* L-ADT approvat it-talbiet sabiex fi triq il-ġdida fi Triq Skerla li ma tinfidx issir tabella *Cul de sac*. Din għandha tiġi ordnata.

171 (*para. 151)* Ix-xogħol fuq il-bankina ta' Lawrence Fava ta' Triq Xabbata sar minn ħaddiem tal-skema ta' Xogħol fil-Komunita'.

172 Saret laqgħa ma' John Grima dwar il-qasma ta' l-art ta' bejn il-bini tal-Kunsill administrattiv il-ġdid u l-art tiegħu. Il-perit għandu jiktieb ittra lit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern fejn jiġi

spjegat lilhom il-każ. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm l-avukat u l-perit tal-Kunsill. Is-Sur John Gima qal li saret korrezzjoni tas-site plan ta' l-art li inxtrat u għandhom jibgħatu kopja lill-Kunsill.

**Item 3 Korrispondenza**

173 Ittra mid-Dipartiment tas-Saħħa dwar il-persuni li jridu t-tilqima tal-influenza. Għalhekk inħareġ avviż sabiex dawk il-persuni interessati li jieħdu t-tilqima fil-Berġa ta' Sannat jinkitbu l-Kunsill. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb sabiex titqabbad nurse biex tagħti din ilt-tilqima.

174 Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali infurmat il-Kunsilli Lokali li l-WasteServe Ltd.ser torganizza konferenza bl-isem *Selective Collection of Municipal Waste* mis-7 sa 9 ta' Ottubru 2009.

175 L-istima tax-xogħol ta' resurfacing fi Triq Mġarr ix-Xini saret mill-perit. Din hi ta' €131,409.82ċ. Ġiet preżentata l-ittra li ser tintbagħat lil-Ministeru għal Għawdex, L-MTA u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

176 Memo 51/2009 dwar il-proċedura għall-Elezjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali.

177 Memo 52.2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwarl-Iskema Inizjattivi Sportivi.

178 Iċ-Ċentru Kulturali Russu f'Malta nfurmawna li bejn l-10 u 19 ta' Ottubru ser ikun hawn f'Malta numru ta' korijiet u orkesta. Huma offrew s-servizz tagħhom. Il-Kunsilli nteresati li jeħduhom fil-lokalita' tagħhom iridu jħallsu l-ispejjes tat-transport u l-ikel tal-ġurnata.

179 A& M Printing Ltd. kitbu ittra lill-Kunsill fejn offrew is-servizzi tagħhom.

**Item 4. Materja Oħra**

180 Joe Bonnici talab il-permess biex ipoġġi krejn fi Triq Ta' Ċenċ ftit 'il barra mill-bankina. Wara verifika kemm mal-uffiċjal awtorizzat u l-ADT dan ġie mitlub jagħmel pjanta mill-perit kemm ser ikun 'il barra fit-triq. Il-perit għandu jiddikjara li dan ma jaffettwax il-*free flow* tat-traffiku.

181 Kwotazzjonijiet għat-transport tat-tfal ta' l-iskola. Inxteħtet waħda biss kemm għat-transport kif ukoll waħda għaċ-childminder. Dawn kienu:

Transport - Manuel Tabone li kienet ta' €14.10ċ kuljum.

Childminder – M'Lourdes Tabone li kienet ta' €5.00ċ kuljum.

Il-Kunsill approva dawn il-kwotazzjonijiet. Il-ġenituri ser jintalbu jħallsu €40 għal kull tifel jew tifla. Dan it-transport ser ikun issusidjat mill-Kunsill billi jħallas id-differenza.

SANNAT

182 In-numru tal-identifikazzjoni tal-bozoz li hemm neqsin madwar il-lokalita' ġew irrapurtati kemm-il darba f'dawn l-aħħar sitt xhur. Dawn għadhom ma sarux kollha.

183 Saret laqgħa ma' Mons. Anton Saliba dwar il-wirja li ser jorganizza dwar il-kotba li kiteb. Din ser issir nhar id-9 ta' Ottubru 2009 fil-Ministeru għal Għawdex u tibqa' miftuħa sal 24 ta'

Ottubru 2009. Hu talab biex il-Kunsill jorganizza minibus għal-Kunsilliera, għas-surmast ta' l-iskola primarja ta' Sannat u xi tfal li ħadu sehem fil-kompetizzjoni fid-9 ta' Ottubru 2009.Il-Kunsill qabel li tiġi ordnata din il-minibus. Il-Kunsill għandu jistieden lin-nies ta' Sannat biex jattendu.

184 Il-ħaddiema tal-Community Works Scheme qed inaddfu Triq id-Daħla taċ-Ċnus.

185 Is-Segretarju talab lill-Kunsilliera sabiex jipprovdu ritratt tagħhom ħalli jinbidlu r-rittrati li hemm tal-Kunsill ta' qabel fil-website.

186 Clifford Vella talab sabiex ikun jista' juża l-emblema tal-Kunsill fuq il-ktieb tiegħu. Din it-talba ġiet approvata.

187 Il-Kunsill qabel li jixtri komputer biex jintuża mill-ħaddiema ta' l-Iskema Servizzi fil-Komunita li hemm jaħdmu fl-uffiċċju.

188 Fl-10 ta' Ottubru 2009 ser issir quddiesa b'tifkira tal-għeluq mill-67 sena mit-traġedja li ġrat fit-tieni gewrra dinija. Ser issir quddiesa u cerimonja fejn jitpoġġa bukkett fjuri b'tifkira.

189 Is-Sindku ppropona li jitwaqqaf Sottto Kumitat taż-Żgħażagħ.

190 Fis-7 ta' Ottubru 2009 għandha ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mill-Gozo Action Group fl-uffiċċju tal-Kunsill. Preżenti ser ikun hemm is-Sur Fattachi u ser ikunu mistiedna r-residenti sabiex jattendu għal din il-laqgħa.

**Item.5 Ilmenti**

191 Furta Curmi ilmentat dwar it-tajn li hemm wara x-xita fi Triq Gruwa. Dan it-traff tneħħa mill-ħaddiema tal-Iskema Ħaddiema fil-Komunita'.

192 Wasal ilment dwar il-ħamrija li nġabar fejn jiskula l-ilma tal-culvert ta' Triq tal-Gruwa. Dan tneħħa mill-ħaddiema tal-Iskema Ħaddiema fil-Komunita'.

193 Serena & Herman Eichele talbu sabiex titneħħa is-sleeping policeman li hemm quddiem id-dar tagħhom fi Triq tal-Gruwa. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba.

194 Benny Saliba mix-Xagħra kiteb lill-Kunsill fejn qal li l-ilmenti tiegħu dwar Mġarr ix-Xini qatt ma ngħataw widen. Is-Segretarju qal li s-Sur Saliba għamel ilment reġistrat fil-minuti tal-24 ta' Ġunju 2009 paragrafu 495 fejn ilmenta dwar il-*Keep Clear* li saret fejn qal li qed timblukkalu d-daħla għall-wied u saritlu vendikazzjoni. Il-Kunsill ma kienx qabel miegħu

għaliex mhux veru li kien ġiet imblukkata l-entratura. Darba oħra ġie il-Kunsill fejn qal li daħlet dajjsa bil-maltemp fil-wied li hu proprjeta' tiegħu u ried li l-Kunsill ineħħi din id-dgħajsa. Meta kien ġie mistoqsi ta' min hi. Hu kien qal ma jafx u meta ntbagħat jagħmel rapport il-pulizija qalilhom l-istess. Ġimgħa wara ġabu ritratt fuq il-Malta Today bis-sur Saliba jarmi d-dagħjsa fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Hi ironika li tkun fil-bajja kuljum u ma tafx ta' min hi d-dagħjsa b'bajja daqshekk żgħira. Hu lmenta dwar it-triq ta' Mġarr ix-Xini. Fil-fatt din ġa kienet ġiet ippeċjata.

195 Anthony Cassar ta' Triq Skerla talab għal *sleeping policeman* fit-tarf ta' Triq Skerla li tieħu għal ta' Cenċ. Dan l-aħħar din it-triq ingħatat ir-ramel u qed ikun hemm ħafna trab u jinżel max-xita. Il-Kunsill qabel li jara x'jista' jsir.

Il-laqgħa ġiet aġġornata sine die u spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija.

Arthur Bajada
Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella
Sindku